Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Mejju 2017**
**(OR. en)**

**8903/17**

**COPEN 129**
**EUROJUST 61**
**EJN 32**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kurunell Sárka Havránková, Kap tad-Diviżjoni, Diviżjoni għall-Kooperazzjoni Internazzjonali bejn il-Pulizija, Presidju tal-Pulizija tar-Repubblika Ċeka |
| fi: | 30 ta' Marzu 2017 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha<br>- Notifika magħmula mir-Repubblika Ċeka |

Għażiż Segretarju Ġenerali,

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill imsemmija fis-suġġett, kull Stat Membru għandu jindika l-awtoritajiet, li huma l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi nazzjonali fit-tifsira ta' dan l-Artikolu, u għandu jinnotifika bil-miktub din l-informazzjoni u kwalunkwe bidla sussegwenti lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Fl-avviż tal-24 ta' Diċembru 2008 (5819/09 CRIMORG 17), il-kap tal-Unità ĠAI tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Ċeka għall-Unjoni Ewropea nnotifika, f'konformità mal-istess Artikolu 1(3), li l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi nazzjonali fir-Repubblika Ċeka huwa l-Unità għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Finanzjarja.

Konsegwenza tal-bidliet fl-istruttura interna fil-Pulizija tar-Repubblika Ċeka, li saru f'Awwissu 2016, fir-Repubblika Ċeka l-kompiti tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi nazzjonali issa qed jitwettqu mill-Pulizija tar-Repubblika Ċeka, l-Aġenzija Nazzjonali dwar il-Kriminalità Organizzata.

Id-dettalji ta' kuntatt il-ġodda huma dawn:

Policie České republiky
Národní centrála proti organizovanému zločinu
P.O. Box 41/NCOZ
15680 Praha 5 - Zbraslav
Česká republika
Tel: +420 974 863 413
E-mail: ncoz.aro@pcr.cz

Pulizija tar-Repubblika Ċeka
Aġenzija Nazzjonali dwar il-Kriminalità Organizzata
Kaxxa Postali 41/NCOZ
15680 Praga 5 - Zbraslav
Repubblika Ċeka
Tel: +420 974 863 413
Indirizz elettroniku: ncoz.aro@pcr.cz

(Formula ta' għeluq)

(f.) Kurunell Sárka Havránková